**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta 26 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 109/18 AGV**

AB

Vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-4 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi s-separazzjoni personali tal-partijiet giet ddikjarata permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata s-26 ta' Jannar 2012 (Rikors Guramentat Numru 326/2004), liema sentenza giet ikkonfermata fil-maggor parti taghha mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata t-22 ta' Frar 2013 (Appell Civili Numru 326/2004/1) – kopja legali ta' liema sentenzi huma hawn annessi u mmarkati **Dok.MC.1** u **Dok.MC.2**;

2. ILLI fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fuq imsemmija, l-Onorabbli Qorti kienet ordnat illi r-rikorrent jghaddi manteniment ghal martu kif gej:

*"Illi tenut kont tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi unikament fuq il-konvenut u tenut kont ukoll tal-fatt li, nonostante li l-konvenut xorta wahda bhala jiggestixxi n-negozju tieghu u jdahhal introjtu, il-quantum ta' dan l-introjtu nzamm mistur mill-attrici; tenut kont ukoll tal-fatt li l-attrici hija kapaci tahdem, ghalkemm fuq bazi part-time, izda tenut kont ukoll ta' l-eta' ta' l-attrici [57], tordna lil-konvenut jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma mensili ta' mija erba u sittin ewro [€164] [LM70]. Din is-somma ghandha tigi riveduta kull sena skond l-gholi tal-hajja kif jirrizulta mill-indici ufficjali tal-gvern.*

*Inoltre, l-attrici qed tinghata d-dritt li tezigi manteniment akbar kemm-il darba hi tisfa' bla mezzi adegwati ghal ghejxien taghha minhabba cirkostanzi mhux fil-kontroll taghha, dejjem skond ic-cirkostanzi ta' dak iz-zmien."*

3. ILLI l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel istanza rigwardanti l-manteniment, u ghalhekk ir-rikorrent ilu jhallas ghal dawn is-snin kollha lill-martu CB , is-somma mensili ta' mija erba u sittin Ewro (€164) hekk kif riveduta kull sena

skond l-gholi tal-hajja kif jirrizulta mill-indici ufficjali tal-gvern, u dan skond is-sentenza precitata;

4. Illi permezz ta' sentenza datata t-12 ta' Lulju 2013 (kopja legali ta' liema sentenza hi hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.3**), dina l-Onorabbli Qorti ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u ordnat li jigi rregistrat id-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku, u ghalhekk illum-il gurnata il-partijiet huma divorzjati, izda permezz ta' din is-sentenza il-provizjonijiet moghtija permezz tas-sentenzi surriferiti rigwardanti l-manteniment dovut mir-rikorrent lill-martu CB ma gewx riveduti;

5. Illi permezz ta' ittra mibghuta lir-Registratur tal-Qorti (kopja hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.4**) datata s-7 ta' Dicembru 2017, ir-rikorrent talab sabiex jinfetah il-process tal-medjazzjoni minhabba bdil serju fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu li jirrikjedu diskussjonijiet ma' martu illi jigu formalizzati fl-ambitu ta' medjazzjoni skond il-Ligi u dan sabiex ukoll, fin-nuqqas ta' ftehim bonarju bejn il-partijiet, l-istess rikorrent jinghata l-awtorizzazzjoni ai termini tal-Artikolu 9 tal-Avviz Legali 397 ta' l-2003;

6. Illi l-process tal-medjazzjoni nghalaq permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Marzu 2018 minhabba li l-intimata ma attendietx ghas-seduti tal-medjazzjoni, u permezz tal-istess digriet r-rikorrent gie awtorizzat jipprocedi b'kawza – u dan kif jirrizulta mill-kopja tad-digriet hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.5**;

7. Illi r-rikorrent ilu diversi snin ibghati minn kundizzjonijiet ta' mard u in vista ta' tali mard huwa kellu jieqaf mix-xoghol tieghu - u dan hekk kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat **Dok.MC.6**. Madanakollu l-istess rikorrent baqa jipprova jhallas l-manteniment dovut lill-intimata, anke sahansitra billi jissellef il-flus minn membri tal-familja tieghu sabiex ikun jista' jhallas il-manteniment;

8. Illi in vista tal-mard illi hakem lir-rikorrent, l-istess rikorrent kien ghamel talba ghall-ghajnuna socjali u in fatti huwa kien sahansitra mghajjat sabiex jidher quddiem bord mediku sabiex jigi ezaminat u dan hekk kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat **Dok.MC.7**;

9. Illi in segwitu ghal dina t-talba tar-rikorrent, fl-4 ta' Marzu 2015 l-istess rikorrent gie mgharraf illi huwa kien ser jibda jircievi l-beneficcji awtorizzati u dan bir-rati illi jidhru fid-dokument hawn anness u mmarkat **Dok.MC.8**, u dana stante illi l-kundizzjoni medika tal-rikorrent ma kinitx tippermettilu illi jibqa ghaddej b'xogholu;

10. Illi effettivament hekk kif jirrizulta minn **Dok.MC.9** ir-rikorrent kien idahhal beneficcji socjali ta' circa sitt elef tlett mija u ghoxrin Ewro u erbgha u hamsin Ewro centezmi (€6,715.54) fis-sena, liema somma tirrifletti l-uniku introjtu tar-rikorrent. Minn din is-somma r-rikorrent kellu jibqa' jhallas lill-intimata l-manteniment mensili dovut lilha, u kwindi ammont sostanzjali mill-introjtu tar-rikorrent kien qieghed jinghata lill-intimata bil-konsegwenza li l-bilanc rimanenti ma kienx wiehed sufficcjenti sabiex wiehed ikun jista' jghix u jkopri bzonnijiet bazici;

11. Illi f'Novembru 2016, u cioe meta r-rikorrent kien lahaq l-eta` pensjonabbli, l-beneficcji socjali li kien intitolat ghalihom minhabba l-kundizzjoni tas-sahha tieghu, gew riveduti ghal circa erba' mija hamsa u erbghin Ewro (€445) fix-xahar oltre ghajnuna medika fl-ammont ta' circa mija u tnejn Ewro u tnejn u hamsin Ewrocentezmi (€102.52) – u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkata **Dok.MC.10** u **Dok.MC.11**;

12. Illi mill-introjtu tieghu kif spjegat hawn fuq, ir-rikorrent kien u ghadu jhallas l-ammont ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) fix-xahar bhala kera tal-fond fejn jirrisjedi - u dan hekk kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat **Dok.MC.11**. Apparti l-ispiza mensili tal-kera r-rikorrent ghandu wkoll

spejjez mensili ohra, liema spejjez ikopru biss bzonnijiet bazici, bhal kontijiet tad-dawl u ilma u ikel – u dan skond kif jirrizulta mill-prospett kumpilat mir-rikorrent hawn anness u mmarkat **Dok.MC.12**;

13. Illi kif jirrizulta minn **Dok.MC.12** ir-rikorrent m'huwiex ilahhaq mal-bzonnijiet tal-hajja u sahansitra qieghed jispicca anke minn taht fl-ammont ta' circa elfejn Ewro (€2,000) fl-ahhar tas-sena, u ghalhekk m'ghadux f'posizzjoni li jkompli jhallas il-manteniment;

14. Illi minn naha l-ohra l-intimata tinsab f'posizzjoni finanzjarja stabbli ferm aktar mill-rikorrent, fil-fatt skond il-kopja tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.13**, l-intimata giet nominata bhala l-unika eredi universali tat-testatur DE. Ghalhekk l-intimata certament tinsab f'posizzjoni ahjar minn dik ta' r-rikorrent sabiex hija tkun tista' almenu tghajjex lilha nnifisha – dan jirrizulta wkoll mill-kopja tar-ricerki relattivi hawn annessi u mmarkati **Dok.MC.14**;

15. Illi minkejja t-tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tal-partijiet, l-intimata qieghdha tippersisti ghall-hlas tal-manteniment anke permezz ta' rapporti mal-Pulizija, u sahansitra permezz ta' rikors datat is-27 ta' Frar 2017 (kopja hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.15**), l-intimata talbet illi l-manteniment dovut lilha kellu jinqata' direttament mill-pensjoni tar-rikorrent u jithallas lilha mid-dipartiment tas-Sigurta` Socjali, liema talba giet debitament milqugha minn dina l-Onorabbli Qorti u dana permezz ta' digriet datat t-28 ta' Frar 2017, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata **Dok.MC.16**;

16. Illi fil-gurnata tal-lum ir-rikorrent m'ghandux introjtu sufficcjenti sabiex jghajjex lilu nnifsu u/jew sabiex ikopri l-bzonnijiet bazici tal-hajja, u wisq anqas ma ghandu introjtu sufficjenti sabiex ikompli jhallas il-manteniment lill-intimata. Il-posizzjoni prezenti tar-rikorrent hija wahda preokkupanti immens stante illi l-impossibilita` illi dan jghajjex lilu nnifsu filwaqt illi

jkompli jhallas il-manteniment hija stat ta' fatt tant li qieghed ikollu jissellef il-flus minn familjari tieghu.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi sehh tibdil fil-mezzi tar-rikorrenti u dan ghal ragunijiet indipendenti mill-volonta` tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 54(9) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tirrevoka d-digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat t-28 ta' Frar 2017 (**Dok.MC.16**) fl-intier tieghu;
3. Tordna c-cessjoni tal-obbligu da parti tar-rikorrent illi jissomministra lill-intimata r-retta alimentari li huwa tenut jissomministra ai termini tas-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata s-26 ta' Jannar 2012 (Rikors Guramentat Numru 326/2004) (**Dok.MC.1**), u ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata t-22 ta' Frar 2013 (Appell Civili Numru 326/2004/1) (**Dok.MC.2**);
4. Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Intimat.

1. Preliminarjament, in-nullita' tal-proceduri tal-ittra ta' medjazzjoni numru 1786/17 mibdija fis-7 ta' Dicembru, 2017 u maghluqa b'digriet tat-2 ta' Marzu, 2018 stante li permezz tal-imsemmija ittra ta' medjazzjoni 1786/17 AB u l-avukat tieghu rnexxielhom iqarrqu bil-Qorti u dan peress illi huma hbew il-fatt li b'digriet moghti fil-11 ta' Jannar, 2018, il-Qorti kienet cahditilhom it-talba wara proceduri ohra ta' medjazzjoni mibdija fil-15 ta' Gunju, 2017 permezz ta' ittra ta' medjazzjoni numru 853/17, li jfisser illi bejn il-15 ta' Gunju, 2017 u l-11 ta' Jannar, 2018 AB kellu zewg proceduri

ta' medjazzjoni mexjin flimkien u b'hekk irnexxielu jikseb frawdolentement id-digriet tat-2 ta' Marzu, 2018 favur tieghu wara li t-talba tieghu fl-atti tar-rikors 853/17 kienet giet michuda b'digriet finali tal-11 ta'Jannar, 2018. L-esponenti titlob illi jigi ordnat li jinbdew proceduri ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti kontra AB u l-avukat tieghu Dr. Jeanelle Cachia, n-neputija tieghu, kif ukoll kontra Dr. Cynthia Galea.

2. Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni ta' nullita' tal-proceduri, l-esponenti trid tissolleva ukoll in-nullita' tal-istess proceduri ghar-raguni illi nghata taghrif skorrett lill-Qorti mill-medjatur. Mela l-medjatur b'nota tas-16 ta'Frar, 2018, iddikjarat illi s-seduta ma nzammitx peress li **mhux car jekk il-medjazzjoni gietx maghluqa b'digriet** u allura bilfors kienet giet infurmata li kien hemm digriet li bih il-medjazzjoni 853/17 kienet giet michuda u difatti ddikjarat illi **"il-medjazzjoni ssir biss fid-data** gdida wara li ssir kjarifikazzjoni." Imbaghad iffissat seduta ohra ghat-2 ta' Marzu, 2018 li dwarha ma nfurmatx lill-Qorti (jew ahjar zgwidata) illi "l-intimata qatt ma giet ghas-seduti." X'sar minnhom il-htiega ta' kjarifikazzjoni u verifika? Kieku attendiet, kienet tkun qed taccetta t-tahwid ta' AB B'hekk, il-Qorti ddecidiet illi "rat in-Nota tal-Medjatur tat-2 ta'Marzu, 2018. Taghlaq il-process ta' medjazzjoni minhabba li l-konvenuta ma attendietx ghas-seduti tal-medjazzjoni. Tawtorizza lill-attur jipprocedi b'kawza u dan fit-termini imposti mil-ligi." Ghalhekk, l-esponenti tecepixxi n-nullita' tal-proceduri ta' medjazzjoni 1786/17 u tad-digriet tal-5 ta' Marzu, 2018. Il-proceduri ta' medjazzjoni jew isiru sew u fl-osservanza tal-ligi, jew ahjar ma jsiru xejn, specjalment fejn jirrizulta li l-medjatur lanqas biss infurmat lill-esponenti u lill-avukat taghha bis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2018 u dan wara li kienet giet infurmata li t-talba precedenti kienet giet michuda mill-Qorti.

3. Preliminarjament, l-attur AB ma nghatax awtorizzazzjoni *valida* mill-Qorti Civili(Sezzjoni tal-Familja) biex jipprocedi b'kawza. Konsegwentement, l-azzjoni odjerna hija nulla. Mhux bizzejjed li AB jitlob ir-revoka tad-digriet tat-28 ta'Frar, 2017 (Dok.MC 16), peress li tali awtorizzazzjoni *valida* kienet mehtiega "ad validitatem" biex tinfetah kawza u l-awtorizzazzjoni li nghatatlu kienet giet karpita b'ingann da parti taghhom. Ghalhekk, il-procedura odjerna hija nulla.

4. Preliminarjament, illi l-azzjoni tentata hija abbuz tal-process gudizzjarju in kwantu l-attur fetah sensiela ta' rikorsi; l-ewwel wiehed inghalaq b'digriet tal-11 ta' Jannar, 2018: "Il-Qorti, Rat ir-rikors tas-7 ta' Dicembru, 2017; Rat ir-risposta. Rat li l-proceduri ta' medjazzjoni inghalqet b'digriet tat-30 ta' Novembru, 2017. Ikkunsidrat illi ma jirrizultawx l-estremi sabiex l-effetti ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell jigu newtralizzati b'digriet pendente lite. **Tichad it-talba;"** izda l-attur ipprezenta ittra ta' medjazzjoni numru 1786/17 minghajr ma gharraf lill-Qorti bl-ittra ta' medjazzjoni numru 853/17, u b'hekk zvija l-Qorti. B'hekk id-digriet tal-5 ta' Marzu, 2018 inkiseb b'qerq stante li t-talba kienet ga' saret u kienet ga giet michuda b'digriet tal-11 ta' Jannar, 2018, liema rikors ma gietx ipprezentata kopja tieghu mill-attur u ma ssemmiex intenzjonalment minnu. Inoltre, AB u l-avukat neputija tieghu pprezentaw "Rikors b'urgenza" fl-atti tal-medjazzjoni 853/17 biex inkomplu joholqu konfuzjoni u rnexxielhom. Izda, min jikseb vantagg b'rizultat tal-inikwita' tieghu m'ghandux jithalla jgawdi dak il-vantagg altrimenti jkun hemm karenza tal-garanzija ta' smigh xieraq.

5. Preliminarjament, u minghajr pregudizzju, l-esponenti teccepixxi l-eccezzjoni ta' ***res judicata*** **(**is-sentenza ta' separazzjoni personali) u li l-kawza odjerna hija irritwali u improponibbli, u dan peress illi s-sentenza

ta' separazzjoni personali ghaddiet in gudikat fit-22 ta' Frar, 2013 u ma tistax tinbidel.

6. Preliminarjament, l-attur qed jittratta lil dina l-Onorabbli Qorti bhallikieku kienet qorti ta' appell ulterjuri wara sentenza tal-Qorti tal-Appell. Ghalhekk, minkejja illi f'pajjizna ma jezistix it-tieni appell jew kassazzjoni, l-attur qed jipprova jilhaq l-istess skop tat-tieni appell jew kassazzjoni billi qed jipprova jiftah mill-gdid materja gia' deciza b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

7. Preliminarjament, l-azzjoni odjerna u t-talbiet attrici imorru kontra l-principju tac-certezza legali u tal-finalita' tar-*res judicata.*

8. Preliminarjament, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari l-ohra, sa tliet xhur wara li nghatat is-sentenza finali mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-attur kellu l-possibilita' li jressaq proceduri ta' ritrattazzjoni tal-kawza fi stadju ta' appell biex jimpunja dik il-parti tas-sentenza li deherlu li applikat hazin il-ligi jew ghal xi wahda mir-ragunijiet l-ohra msemmija fl-artikolu 811 tal-Kap.12, izda huwa naqas li jaghmel hekk. Ghalhekk, kellu mezz xieraq ta' rimedju u ma ghamilx uzu minnu.

9. Preliminarjament u dejjem minghajr pregudizzju, ghalkemm l-attur ma setax jintavola l-kawza odjerna minhabba li hemm "res judicata" u minhabba n-nullitajiet riskontrati, huwa seta' almenu jaghmel talba ghall-ghajnuna legali sabiex jissimula li m'ghandux mezzi finanzjarji bizzejjed u mhux jinkariga wahda mill-*leading law firms* f'pajjizna, GVZH Advocates. B'hekk ta' prova li ghandu mezzi finanzjarji sodi minkejja li halef il-falz meta ddikjara illi "m'ghandux introjtu sufficjenti ighajjex lilu nnifsu u/jew sabiex ikopri l-bzonnijiet bazici tal-hajja." Barra minn hekk, huwa qatt ma hallas l-ispejjez li gie kkundannat ihallas – lanqas dawk tal-

kawza ta' separazzjoni u lanqas dawk tal-medjazzjoni precedenti. Dawn kellhom jithallsu qabel ma setghet tigi ntavolata dina l-kawza u ghalhekk il-kawza odjerna mhix ammissibbli skond il-ligi.

**FATTI**

1. Illi b'ittra numru 293/04, l-intimata kienet fethet proceduri ta' medjazzjoni fejn talbet is-separazzjoni minn ma' zewgha, fl-ismijiet CB vs AB.[1]

2. Illi b'digriet tad-29 ta' April, 2004, ir-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi bil-proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha r-rikorrent., liema sentenza nghatat fis-26 ta' Jannar, 2012 fl-ismijiet CB vs AB (Citaz. Nru, 326/04).[2]

3. Illi skond is-sentenza fuq imsemmija, ir-rikorrent kien gie ordnat ihallas lill-intimata manteniment fis-somma ta' mija erba u sittin Euro (€164). Din is-somma ghandha tigi riveduta kull sena skond l-gholi tal-hajja kif jirrizulta mill-indici ufficjali tal-gvern.

4. Illi l-istess sentenza giet appellata u nghatat sentenza fit-22 ta' Frar, 2013 li kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).[3]

5. Illi b'sentenza tat-12 ta' Lulju, 2013 inghata d-divorzju.[4]

---

[1] Process ta' medjazzjoni anness.
[2] Ara fol.9 tal-process.
[3] Ara fol.17 tal-process.
[4] Ara fol.28 tal-process.

6. Illi b'ittra numru 853/17 giet ipprezentata medjazzjoni da parti tar-rikorrent fejn stqarr li kien hemm "bdil ta' cirkostanzi" u talab li tinzamm medjazzjoni biex jipprocedi skond il-ligi. Permezz ta' risposta datata 18 ta' Awissu, 2017, l-intimata kienet talbet li t-talba kontenuta fl-ittra ta' medjazzjoni ghandha tigi ddikjarata nulla u irritwali stante li l-partijiet diga' kienu sseparati permezz ta' sentenza li tirregola l-kundizzjonijiet tal-firda bejniethom u huma ukoll divorzjati.[5]

7. Fit-30 ta' Novembru, 2017, din l-Onorabbli Qorti kienet ordnat illi ghandha tinghalaq il-medjazzjoni stante illi r-rikorrent ma kienx ipprezenta d-dokumentazzjoni rikjesta u nota mitluba biex jiddikjara xi bdil kien qed jitlob kif gie mitlub b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Awissu, 2017 u fuq talba tal-medjatrici Dr.Veronica Zammit giet maghluqa din il-medjazzjoni.[6] L-avukat difensur tar-rikorrent tghid li ma kienux jafu bir-risposta li kienet ipprezentat l-intimata fit-18 ta' Awissu, 2017 u lanqas bid-digriet tas-23 ta' Awissu, 2017, ghax kienet izzewwget tul dan il-perjodu u kienet imsiefra ghal hames gimghat u tghid li saret taf bid-digriet biss meta giet lura ghax-xoghol u cioe' fil-25 ta' Novembru, 2017.

8. Fis-7 ta' Dicembru, 2017, ir-rikorrent ipprezenta rikors ghas-sospenzjoni tal-hlas tal-manteniment skond sentenza tas-separazzjoni datata 26 ta' Jannar, 2012 (Citaz.Nru. 326/04), kif ikkonfermata fl-appell fit-22 ta' Frar, 2013 (Citaz.Nru. 326/04), liema rikors gie michud fil-11 ta' Jannar, 2018.[7]

9. Illi fl-14 ta' Dicembru, 2017 ir-rikorrent rega' fetah medjazzjoni ohra numru 1786/17, li b'digriet ta-5 ta' Marzu, 2018 l-istess medjazzjoni giet

---

[5] Ara process tal-medjazzjoni 853/17.
[6] Ara process tal-medjazzjoni – 853/17.
[7] Ara process tal-medjazzjoni – 853/17.

ordnata maghluqa peress li l-intimata qatt ma dehret skond l-atti tal-medjazzjoni u per konsegwenza fl-istess digriet ir-rikorrent gie awtorizzat jipprocedi b'dina l-kawza.[8] Dr. Jeanelle Cachia tghid li fis-16 ta' Frar, 2018 kienu ltaqghu ghall-medjazzjoni u kienu tkellmu mal-medjatrici dwar ir-rikors bl-urgenza u l-medjazzjoni l-ohra. Tghid ukoll li l-medjatrici kienet dakinhar stess tkellmet ma' Dr.Tonio Azzopardi qua patrocinat tal-intimata u kien infurmaha li kien ser jipprezenta rikors, izda tghid li qatt ma kienet irceviet rikorsi. Dr.Zammit fin-nota taghha pprezentata fid-19 ta' Frar, 2018 iddikjarat li s-seduta ma nzammitx peress li ma kienx car jekk il-medjazzjoni kienitx giet maghluqa b'digriet u fil-fatt gie ddikjarat li l-medjazzjoni kellha ssir biss f'data ohra jekk issir din il-kjarifikazzjoni. Dr.Cachia kompliet tispjega li kien hemm seduta ohra fit-2 ta' Marzu, 2018 fejn l-intimata ma dehritx u mbaghad b'digriet gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza.[9]

10. Dr. Cachia ghan-nom tal-klijent taghha tirrileva illi kienet regghet fethet medjazzjoni ghax fi kwalunkwe kaz, ma kienx hemm decizjoni fuq il-mertu tal-ewwel medjazzjoni.

KONSIDERAZZJONIJIET

1. NULLITA' TAL-PROCEDURI TAL-ITTRA TA' MEDJAZZJONI

Illi l-intimata qed tecepixxi n-nullita' tal-ittra tal-medjazzjoni numru 1786/17 li giet ipprezentata fl-14 ta' Dicembru, 2017, peress li fil-fehma taghha r-rikorrent u l-avukat tieghu kienu ppruvaw iqarrqu bil-Qorti, meta fl-istess waqt kien hemm procedura ta' medjazzjoni ghaddejja bin-numru 853/17. Bid-digriet tat-2 ta'

---

[8] Ara process tal-medjazzjoni – 1786/17
[9] Ara process tal-medjazzjoni – 1786/17

Marzu, 2018, fejn ir-rikorrent gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza, l-intimata tinsisti li dan inkiseb b'mod frawdolenti, ghaliex il-medjazzjoni bin-numru 853/17 giet michuda b'digriet tat-30 ta' Novembru 2017.

Mill-provi huwa car li wara zmien minn meta giet ikkonfermata s-sentenza ta' separazzjoni datata 26 ta' Jannar, 2012 (Rik. 326/2014) u kkonfermata fl-appell permezz ta' sentenza datata 22 ta' Frar, 2003 u bis-segwenti divorzju, ir-rikorrent, fuq allegazzjoni li kien hemm tibdil fil-mezzi finanzjarji tieghu, ried jittermina l-obbligazzjoni ta' manteniment tieghu. Kien ghalhekk li fetah il-proceduri ta' medjazzjoni.

Meta r-rikorrent fetah il-medjazzjoni li ggib in-numru 853/17 kien talabha fuq "bdil ta' cirkostanzi," pero' minhabba li ma kienx specifiku f'xiex kien jikkonsisti dan it-tibdil, il-Qorti kienet talbitu biex jipprezenta nota, anke permezz ta' dokumenti ta' f'xiex kien jikkonsisti t-tibdil. Jirrizulta li r-rikorrent dan m'ghamlux. Fit-30 ta' Novembru, 2017, il-Qorti kienet ordnat l-gheluq tal-medjazzjoni.

L-intimata tinsisti li hawn kien sar l-att frawdolenti da parti tar-rikorrent, ghax minkejja li kienet inghalqet il-medjazzjoni, fetah il-medjazzjoni li ggib in-numru 1786/17 fejn talab is-sospenzjoni tal-hlas ta' manteniment u qatt ma ssemma' xejn quddiem il-medjatur, li diga' kien istitwixxa procduri ta' medjazzjoni li kienu gew maghluqa. L-intenzjoni ghall-intimata kienet wahda biss, dik li r-rikorrent ried iqarraq bil-Qorti.

Wara evalwazzjoni tal-provi relatati mal-ewwel eccezzjoni, jirrizulta li fuq l-ewwel medjazzjoni (853/17) id-digriet tat-30 ta' Novembru, 2017 ma kienx iddecieda l-mertu tal-medjazzjoni, izda kien biss digriet li ghalaq il-medjazzjoni gialadarba r-rikorrent kien naqas li jipprezenta nota spjegattiva biex jispecifika

x'kien il-'bdil fic-cirkostanzi' li kien qed jitlob. Anke jekk ir-rikorrent ipprova jsalva s-sitwazzjoni billi pprezenta rikors fl-atti ta' dina l-medjazzjoni, fil-11 ta' Jannar, 2018 il-Qorti cahdet l-istess rikors, ghaliex apparti li l-medjazzjoni kienet maghluqa, il-presentazzjoni ta' rikors ma kinitx il-procedura gusta, ghax fl-istadju tal-medjazzjoni, huwa mpossibbli ghall-Qorti li taqta' u tiddeciedi rikorsi li jitolbu varjazzjoni f'sentenza tal-Qorti tal-Appell minhabba bdil ta' cirkostanzi, aktar u aktar meta l-medjazzjoni kienet maghluqa. L-ewwel jehtieg li jkun hemm medjazzjoni, imbaghad jekk il-partijiet ma jihqux ftehim, il-mertu tal-medjazzjoni ssir kawza. Ghalhekk, il-Qorti kellha ragun meta cahdet ir-rikors tar-rikorrent.

In oltre', huwa probabbli ukoll li r-rikors tas- 7 ta' Dicembru 2017, gie mqieghed bi zball fl-atti tal-medjazzjoni numru 853/2017 minflok fl-atti tal-medjazzjoni l-gdida. Dan jirrizulta minn dokument ipprezentat mal-istess rikors, Dok MC 4, li hu ittra ta' medjazzjoni datata 7 ta' Dicembru, 2017. Di fatti, f' dak l-istess rikors, hemm referenza ghall-ftuh ta' medjazzjoni gdida permezz ta' dik l-istess ittra pprezentata mar-rikors. Li gara kien li l-ittra intbghatet tard, u l-medjazzjoni l-gdida giet registrata fl- 14 ta' Dicembru 2017. Ir-rikors tas- 7 ta' Dicembru 2017, kellu jidhol fl-atti tal-medjazzjoni l-gdida, izda ddahhal fil-medjazzjoni maghluqa.

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi r-rikorrent ma kellux ghazla ghajr li  jiftah proceduri ta' medjazzjoni u jippreciza sew f'xiex kienu jikkonsistu l-bdil ta' cirkostanzi u ghalhekk jiccara l-mertu tal-istess, kif naqas li jaghmel meta ipprezenta l-ittra originali tieghu u cioe' l-853/17. Dan ghamlu bl-ittra ta' medjazzjoni numru 1786/17 datata 7 ta' Dicembru, 2017. Kif inhi l-Ligi tal-medjazzjoni fil-qasam tal-Qorti tal-Familja, ma hemm l-ebda limitu dwar kemm-il medjazzjoni tista' tinfetah bejn l-istess partijiet mill-istess partijiet. Ghalhekk

ma kien hemm xejn x' jipprekludi lir-rikorrenti li jiftah medjazzjoni ohra fis- 7 ta' Dicembru 2017, wara li kienet ghadha kemm inghalqet medjazzjoni ohra gimgha qabel. Din il-Qorti  ghalhekk tikkonkludi li l-ewwel eccezzjoni tal-intimata hija nfondata.

IT-TIENI, IT-TIELET U R-RABA' ECCEZZJONI

Peress illi l-Qorti diga' tat ir-ragunar taghha ghal dak li  jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni dan ikopri ghalhekk ukoll dak li qed jigi eccepit fit-tieni, t-tielet, u r-raba' eccezzjoni u per konsegwenza dawn ukoll huma nfondati.

IL-HAMES SAT-TMIEN ECCEZZJONI – RES JUDICATA

Illi dwar id-dritt li jinfethu proceduri ta' medjazzjoni wara li jkun hemm sentenza skond ir-Regolament 9 tal-Avviz Legali 397 tal-2003 hemm stipulat hekk:-

***"9 (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7, meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:-***

***…..***

***(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju "***

Il-Qorti tosserva illi dan ir-Regolament 9 jirrendi applikabbli l-proceduri ta' medjazzjoni ukoll ghal diversi kazijiet ohra, apparti milli biex tintalab is-separazzjoni personali.

Il-Qorti ghalhekk hjia tal-fehma illi l-medjazzjoni hija rekwizit mandatarju qabel kull kawza li taqa' taht il-kappa tar-Regolament. Ladarba xi hadd mill-partijiet

ikun resaq biex jipprezenta kawza, dana jattira l-presunzjoni li huma ma jkunux lahqu ftehim amikevoli bejniethom u ghalhekk jehtiegu l-intervent tal-Qorti.

Gie stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi ***"ir-ratio legis ta' din il-parti tal-ligi huwa car, u cioe' li meta tinqala' kwistjoni bejn il-partijiet dwar haga, li tidhol fl-ambitu tal-kazijiet indikati fir-regolament 9, ghandha tinfetah medjazzjoni, qabel ma ssir il-kawza, bl-iskop li l-medjatur jipprova jwassal lill-partijiet ghal ftehim dwar dik il-kwistjoni ndikata fl-istess ittra."***[10] Dan ifisser li l-medjazzjoni tkun saret fuq dik il-kwistjoni biss u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, il-prezunzjoni hi li dak li gie diskuss fil-medjazzjoni hija l-kwistjoni li tkun giet indikata fl-ittra, sakemm il-kwistjoni ma tkunx indikata b'mod generali bhala wahda ta' firda personali fejn allura jigu diskussi l-effetti konsegwenzjali kollha tas-separazzjoni; izda meta bhal fil-kaz prezenti l-ittra tkun limitata ghal haga wahda biss u cioe' li r-rikorrent jitnehha mill-obbligi ta' hlas ta' manteniment ghall-martu minhabba tibdil fil-qaghda finanzjarja tieghu, u l-medjazzjoni tkun inghalqet minghajr success u l-parti tkun allura giet awtorizzata tipprocedi bil-kawza, din l-awtorizzazzjoni tkun valida biss ghall-kwistjoni indikata fl-ittra.

Dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament 9 gie ukoll ritenut mill-Qrati taghna illi ***"l-istess Regolamenti jitolbu ukoll li tinghata raguni jew ragunijiet xierqa biex iwassal halli dan il-process jinfetah mill-gdid. Din il-Qorti jidhrilha, madanakollu, li r-raguni jew ragunijiet li jwasslu ghall-ftuh tal-process tal-medjazzjoni jridu jkunu ragunijiet godda li johorgu minn xi cirkostanza li tigri wara li tkun nghatat is-sentenza u mhux fuq ragunijiet li kienu jezistu matul iz-zmien tas-smigh tal-kawza li tkun wasslet ghal dik is-sentenza u li l-parti tkun naqset bi htija taghha milli tqajjem filwaqt xieraq. Li kieku ma jkunx***

[10] Ara AB vs CB deciza fis-7 ta' Dicembru, 2010, Rikors guramentat 501/2007 NC U AB vs CB deciza fid-29 ta' Mejju, 2014, Rikors Guramentat 152/2013 AL.

***hekk, tinholoq il-possibilita' ta' ritrattazzjoni ta' kawzi maghluqa b'sentenzi li jkunu ghaddew f'gudikat, ghall ragunijiet li l-ligi ma tahsibx ghalihom;"***[11]

Fl-istess sentenza l-Qorti kompliet tghid hekk:-

***"Ir-Regolamenti mfushom jaghtu s-setgha lil dik il-Qorti li taghti provvedimenti f'kull waqt tal-process tal-medjazzjoni, mqar fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet biex jitharsu l-interessi ta' xi parti.''***

Il-ligi ghalhekk hija cara, anke jekk tezisti sentenza ta' separazzjoni u hemm bdil fic-cirkostanzi, jissawwar id-dritt li tinfetah medjazzjoni, hekk kif ghamel ir-rikorrent taht Regolament 9 tal-Avviz Legali 397 tal-2003 . Il-ligi tmur oltre u tehtieg li l-bdil tac-cirkostanzi jkunu sehhew wara li kienet inghatat is-separazzjoni. Mid-dokumenti li esebixxa r-rikorrent, jirrizulta li hu qed jinsisti li kellu problemi ta' mard u per konsegwenza qed jitlob li ma jikkontribwixxix ghall-manteniment ta' martu. Il-problemi, isostni li sehhew ghall-habta tas-sena 2016, izda l-Qorti qiedghda f'dan il-kaz tiddeciedi fuq l-eccezzjonijiet preliminari u ghalhekk mhux se tidhol fil-mertu tal-kaz, li jehtieg konsiderazzjoni aktar dettaljata biex tistabilixxi jekk jirrizultax bdil fic-cirkostanzi.

Ghalhekk l-applikazzjoni tar-Regolament 9 *per se* taht l-Avviz Legali 397 tal-2003 trendi ghal kollox infondati l-eccezzjonijiet numru 5 sa 8 tal-intimat. Ir-rikorrent mxiet skond il-ligi u segwit rimedju li toffrilha l-ligi, minkejja li s-sentenza ta' separazzjoni tas-26 ta' Jannar, 2012 (Rik.Gur 326/04), kif ikkonfermata fl-appell numru 530/13 deciza fit-22 ta' Frar, 2013 tkun marret in gudikat u sahanistra s-separazzjoni f'dan il-kaz kien segwit anke b'divorzju.

[11] John Mary sive Jimmy Montebello vs Emanuel sive Lilly Montebello – App.Nru. 301/17 deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018.

Fl-ewwel medjazzjoni numru 853/17 il-Qorti kienet ghalqet il-medjazzjoni stante li r-rikorrent kien naqas li jipprezenta d-dokumentazzjoni mehtiega, biex jikkjarifika xi bdil kien hemm u kienet effettivament ghalqet il-medjazzjoni fit-30 ta' Novembru, 2017. Fit-tieni medjazzjoni 1786/17, ir-rikorrent iccara li kien qed jitlob li ma jkomplix ihallas manteniment minhabba bdil fil-qaghda finanzjarja tieghu u peress li l-intimata ma dehritx, il-medjazzjoni giet maghluqa u r-rikorrent gie awtorizzat jipprocedi bil-prezenti kawza. Jidher car ghalhekk li qabel ma' din l-Onorabbli Qorti harget bil-provvediment fil-5 ta' Marzu, 2018 kellha u qieset l-andament tal-medjazzjoni u rat dak li l-intimat seta' jipprocedi b'dak li eventwalment se jkollha tikkonstata.

Ghaldaqstant, il-legislatur b'dawn ir-regolamenti qatt ma kellu l-intenzjoni li johloq forma ta' tieni appell, kif qed tallega l-intimata. L-intenzjoni wara r-regolament 9 kien wiehed, li jekk minn perjodu ragjonevoli minn meta kien hemm sentenza definittiva inholqu cirkostanzi li kienu jirrikjedu rikonsiderament tad-decizjoni fuq dik ic-cirkostanza fattwali, ir-rimedju huwa li jinfethu proceduri ta' medjazzjoni, fejn ghandu jigi pprecisat ghab-bazi ta' xiex qed tintalab li tinfetah il-medjazzjoni, gialadarba l-partijiet ma jkunx irnexxielhom li jaslu ghall-ftehim konsenswali fuq din ic-cirkostanza. Jekk in segwitu lanqas ma jirnexxix ftehim quddiem il-medjatur, il-process jispicca quddiem dina l-Qorti biex tevaluwa jekk ic-cirkostanzi kienu tant li waslu ghall-bdil u konsegwentement jehtieg rikonsiderazzjoni tal-pattijiet u kundizzjonijiet relattiva ghal istess separazzjoni jew divorzju.

Dan imur oltre l-kuncett ta' *res judicata* u jrendih ineffettiv, limitatament in kwantu jirrigwarda t-talba tal-bdil biss u jekk din tigi kkonfermata jew bi qbil bejn il-partijiet jew b'sentenza ta' din il-Qorti.

In vista ta' dan l-eccezzjonijiet tal-intimat minn numru 5 sa 8 ghandhom jigu respinti.

ID-DISA' ECCEZZJONI

L-intimata takkuza lir-rikorrent li minn naha wahda qed ighid li jinstab f'qaghda finanzjarja difficli u fl-istess waqt inkariga s-servizzi ta' avukata li tahdem ma' wahda mil-*leading law firms* GVZH Advocates, meta seta' qabbad avukat tal-ghajnuna legali. Bir-rispett kollu, huwa fatt ikkonfermat, anke mill-intimata stess li l-avukata hija n-neputija tar-rikorrent u ghalhekk l-presunzjoni hi, kif jigri ma' membri tal-familja, li l-istess avukata ma zammitx flus lir-rikorrent minhabba li jigu minn xulxin. Oltre minn hekk, jekk ir-rikorrent iddecieda li juza' s-servizzi ta' avukat ta' fiducja tieghu u mhux avukat tal-ghajuna legali, hija ghazla libera tieghu u kif iffinanzja l-istess servizi hija kwistjoni li tikkoncerna lilu biss.

Illi l-intimata ukoll eccepit illi dina l-kawza ma setghetx tinfetah peress illi r-rikorrent ma kienx ghadu hallas l-ispejjes li gie kkundannat ihallas la tas-separazzjoni u lanqas tal-medjazzjonijiet precedenti.

Anki jekk dan huwa minnu, dan il-fatt wahda ma jzommx lir-rikorrenti milli jqabbad Avukat lil min irid hu. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

DECIDE

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tirrespingi l-ewwel disa’ eccezzjonijiet  tal-intimata u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

Spejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**